31974L0152

28.3.1974 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 84/33

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Marzu

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-veloċità massima skond il-disinn ta' u l-pjattaformi tat-tagħbija għat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija

(74/152/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]);

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]);

Billi l-ħtiġiet tekniċi li magħhom għandhom jaderixxu t-tratturi bis-saħħa tal-liġijiet nazzjonali jirreferu, *inter alia*, veloċità massima skond il-disinn u l-pjattaformi tat-tagħbija;

Billi dawn il-ħtiġiet huma differenti minn Stat Membru għal ieħor; billi hu għalhekk meħtieġ li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew minflok ir-regoli tagħhom li jkunu fis-seħħ sabiex, b'mod partikolari, jippermettu l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip KEE li kienet issuġġett tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-4 ta' Marzu 1974 ([3]) dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirreferu għat-tip ta' l-approvazzjoni tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija sabiex ikunu applikati rigward kull tip ta' trattur,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. "Muturi tal-ħart agrarji jew tal-foresterija" tfisser kull vettura bil-mutur, mgħammra bir-roti jew *caterpillar tracks* u li jkollha mill-inqas żewġ fusijiet, li l-funzjoni prinċipali tagħha tkun li jkollha s-saħħa tal-ġibda u li tkun iddisinjata b'mod speċjali biex tiġbed, timbotta, iġġorr jew tħaddem ċerti għodda, makkinarju jew karri maħsuba biex jintużaw għall-agrikoltura jew il-foresterija. Din tista' tkun mgħammra biex iġġorr xi tagħbija jew passiġġieri.

2. Din id-Direttiva għandha tgħodd biss għat-tratturi imfissra fil-paragrafu preċedenti li jkunu mgħammra b'roti ta' l-arja u li jkollhom żewġ fusijiet u veloċità massima skond il-disinn ta' bejn is-6 u l-26 km/siegħa.

Artikolu 2

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip KEE jew l-aprovazzjoni tat-tip nazzjonali għal xi trattur għal raġunijiet li jirrigwardaw il-veloċità massima skond il-disinn jew il-pjattaformi tat-tagħbija jekk dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 3

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jirreġistra jew jipprojbixxi l-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu tat-tratturi għal raġunijiet li jirrigwardaw il-veloċità massima skond il-disinn jew il-pjattaformi tat-tagħbija jekk dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 4

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-twaħħil tal-pjattaformi tat-tagħbija jew jeħtieġ li t-tratturi ikunu mgħammra b'waħda jew aktar minn dawn il-pjattaformi.

2. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi it-tagħbija fuq dawk il-pjattaformi tal-prodotti li huma jippermettu li jkunu mgħobbija fuq karri użati għall-għanijiet agrarji jew forestali; fil-limiti stabbiliti mill-fabbrikant, tagħbija massima ta' mill-inqas 80 % tal-piż tat-trattur li jkun jaħdem tajjeb tkun awtorizzata.

Artikolu 5

L-emendi meħtieġa biex ikun adottat għall-progress tekniku r-rekwiżiti ta' l-Anness għadhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip tat-tratturi bir-roti użati fl-agrikoltura jew il-foresterija.

([1]) ĠU Ċ 28, 17.2.1967, p. 462/67.
([2]) ĠU Ċ 42, 7.3.1967, p. 620/67.
([3]) Ara p.10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jaderixxu ma' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummisjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw filqasam kopert b'din id-Direttiva jkunu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Marzu 1974.

Għall-Kunsill

Il-President

W. SCHEEL

ANNESS

1. **VELOĊITÀ MASSIMA SKOND ID-DISINN**

1.1 Għat-testijiet biex ikun approvat it-tip, il-veloċità medja għandha tkun imkejla fuq linja dritta, li t-trattur għandu jsuq fuqhaa fiż-żewġ direzzjonijiet minn *flying start*. Il-ħamrija ta' l-art għandha tkun stabilizzata; l-art għandha tkun lixxa u mill-inqas 100 metru twila; iżda din jista' jkollha għoljiet ta' mhux aktar minn 1.5 %.

1.2 Matul it-test, it-trattur m'għandux ikollu tagħbija u jkun f'kundizzjoni tajba mingħajr *ballast weights* jew apparat speċjali u l-pressjoni ta' l-arja tar-roti għandha tkun dik speċifikata għall-użu fit-triq.

1.3 Matul it-test, it-trattur għandu jkun mgħammar b'roti ġodda tal-qisien massimi speċifikati għalt-trattur mill-fabbrikant.

1.4 Il-*gear ratio* użat matul it-test għandu jkun dak li jipproduċi l-veloċità massima tal-vettura u t-*throttle* għandha tkun miftuħa kollha.

1.5 Biex ikunu kkunsidrati d-diversi żbalji li ma jistgħux jiġu evitati minħabba, b'mod partikolari, it-teknika tal-kejl u ż-żieda fil-veloċità tal-ġiri tal-makna li jkollha tagħbija parzjali, riżultat ta' 10 % aktar mill-25 km/siegħa għandu jkun aċċettabbli għat-test ta' l-approvazzjoni tat-tip.

1.6 Sabiex l-awtoritajiet kompetenti għall-approvazzjoni tat-tip tat-tratturi jistgħu jikkalkolaw il-veloċità teoretika massima, il-fabbrikant għandu jispeċifika bħala gwida l-*gear ratio*, il-moviment 'il-quddiem attwali tar-roti *powered* ekwivalenti għal dawra waħda sħiħa, u l-rpm (tidwir kull minuta) b'poter massimu ta' *output* bit-*throttle* miftuħ kollu u l-i*speed governor*, jekk ikun imwaħħal, aġġustat kif stabbilit mill-fabbrikant.

2. **PJATTAFORMI TAT-TAGĦBIJA**

2.1 Iċ-ċentru tal-gravità tal-pjattaforma għandu jkun bejn il-fusijiet.

2.2 Il-qisien tal-pjattaformi għandhom ikunu tali sabiex:

— ma jeċċedix 1.4 darbiet tal-parti ta' quddiem jew il-parti ta' wara tat-trattur, skond liema tkun l-ikbar;

— ma teċċedix il-wisa' massima globali tat-trattur mgħammar bl-apparat.

2.3 Il-pjattaforma għandha titpoġġa simettrikament meta mqabbla mal-pjan medjan lonġitudinali tat-trattur.

2.4 L-għoli 'l fuq mill-art tal-pjattaforma m'għandux ikun aktar minn 150 ċm.

2.5 It-tip tal-pjattaforma u l-mod kif din tkun imwaħħla għandhom ikunu hekk li, b'tagħbija normali, il-firxa tal-viżjoni tas-sewwieq tibqa' tajba u d-diveri apparat tassattiv tad-dawl u tas-sinjali tad-dawl jistgħu jkomplu jaqdu l-funzjoni tagħhom kif xieraq.

2.6 Il-pjattaforma tat-tagħbija għandha tkun li tista' tinqala'; din għandha tkun imwaħħla mat-trattur b'tali mod li jkun evitat kull riskju li din tista' tinqala' aċċidentalment.